A.L. 105 ta' l-1997

ATT TA' L-1995 DWAR IL-KUMPANNIJI (ATT NRU. XXV TA' L-1995)

ORDINANZA DWAR SOĊJETAJIET KUMMERĊJALI (KAP. 168)

Regolamenti ta' l-1997 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Drittijiet li joħorġu mill-Att dwar il-Kumpanniji

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 425 ta' l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji, u bl-artikolu 195 ta' l-Ordinanza dwar Soċjetajiet Kummerċjali, il-Ministru tal-Finanzi u Kummerċ għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1997 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Drittijiet li joħorġu mill-Att dwar il-Kumpanniji, u għandhom jinqraw u jinftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1997 dwar Drittijiet li joħorġu mill-Att dwar il-Kumpanniji, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 44 ta' l-1997.

Jemenda l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. L-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:—

(a) fil-paragrafu (ġ) tagħha, minflok il-kliem "Fil-każ meta l-kapital awtorizzat tal-ishma fil-kumpannija jew fil-kumpannija barranija —" għandhom jidħlu l-kliem "Fil-każ meta l-kapital awtorizzat tal-ishma tal-kumpannija —";

(b) minflok il-paragrafu (k) tagħha, għandhu jidħol dan li ġej:—

"(k) Għal ċertifikat dwar id-diretturi ta'kumpannija: Lm1";

(ċ) il-paragrafi (l) u (m) tagħha għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (n) u (o) rispettivament; u

(d) minnufih wara l-paragrafu (k) għandhom jiżdiedu dawn il-paragrafi ġodda li ġejjin:—

"(l) Għal kull ċertifikat ieħor dwar kumpannija li jinħareġ fuq it-talba ta' min ikun: Lm3

(m) Għar-riserva ta' isem ta' soċjetà kummerċjali: Lm1 għal kull isem".